



Brussell, 25 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

11944/25

ENER 390  
ENV 733

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Kummissjoni Ewropea

data meta waslet: 14 ta' Lulju 2025

lil: Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill

Nru dok. Cion: D(2025) 108053

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...  
ta'XXX

li jikkoreġi u jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1670 li  
jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għall-iSmartphones, għat-telefowns  
ċellulari għajr l-iSmartphones, għat-telefowns bla fili u għall-islate tablets  
skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D(2025) 108053.

Mehmuż: D(2025) 108053



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, **XXX**  
D108053/01  
[...](2025) **XXX** draft

## **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'XXX**

**li jikkoreġi u jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1670 li jistabbilixxi  
rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ismartphones, għat-telefowns ċellulari għajr l-  
ismartphones, għat-telefowns bla fili u għall-islate tablets skont id-Direttiva  
2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'XXX**

**li jikkoreġi u jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1670 li jistabbilixxi  
rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ismartphones, għat-telefowns ċellulari għajr l-  
ismartphones, għat-telefowns bla fili u għall-islate tablets skont id-Direttiva  
2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

### **IL-KUMMISSJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1670<sup>2</sup> jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ismartphones, għat-telefowns ċellulari għajr l-ismartphones, għat-telefowns bla fili u għall-islate tablets.
- (2) [Id-Direttiva 2014/34/UE](#) tintroduċi rekwiżiti tad-disinn speċifiċi għat-tagħmir u għass-sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosferi potenżjalment esplużivi. Għalhekk, l-ismartphones, telefowns ċellulari oħra, it-telefowns bla fili u l-islate tablets koperti minn dik id-Direttiva jenħtieġ li jiġu eżentati mir-Regolament (UE) 2023/1670.
- (3) L-Anness II tar-Regolament (UE) 2023/1670 jirrikjedi li jkun hemm firxa ta' spare parts disponibbli għas-sewwejja professjonal iew għall-utenti finali, u jistabbilixxi żewġ skedi ta' żmien massimi differenti għall-konsenza ta' dawk l-ispare parts: 5 ijiem tax-xogħol matul l-ewwel 5 snin u 10 ijiem tax-xogħol matul is-sentejn l-oħra. Madankollu, l-obbligu li jiġu pprovduti l-ispare parts jista' jdum aktar minn 7 snin. Għalhekk, dan l-iżball jeħtieġ jiġi kkoreġut. Minħabba l-fatt li l-iżball jaffettwa l-prodotti kolha koperti mir-Regolament, trid issir l-istess korrezzjoni għal kull grupp ta' prodotti fil-Partijiet A sa D, it-Taqsima 1.1, il-punt (3), ta' dak l-Anness.
- (4) L-Anness II tar-Regolament (UE) 2023/1670 jistabbilixxi rekwiżiti taż-żarmar differenti għal diversi partijiet tal-prodott. Hemm żball fir-rigward tar-rekwiżiti għas-sostituzzjoni tal-assemblaqg tal-iskrin, li bi żball ġew inklużi f'żewġ taqsimiet separati tar-rekwiżiti. Għaċ-ċarezza u l-konsistenza, dan l-iżball fil-partijiet A, B u D, it-Taqsima 1.1, il-punt (5), ta' dak l-Anness, jeħtieġ jiġi rettifikat. L-istess japplika għall-

<sup>1</sup> ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/125/oj>.

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1670 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ismartphones, għat-telefowns ċellulari għajr l-ismartphones, għat-telefowns bla fili u għall-islate tablets skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/826 (ĠU L 214, 31.08.2023, p. 10, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1670/oj>).

parti C, it-taqSIMA 2.1, il-punt (5) fejn l-assemblaġġ tal-iskrin huwa inkluż kemm fil-punt (a) kif ukoll fil-punt (c); għalhekk, il-punt (c) jeħtieġ jitħassar.

- (5) L-Artikolu 40, il-paragrafi 1 sa 4, tar-Regolament (UE) 2024/1781 jindirizza cċirkomvenzjoni b'mod komprensiv u japplika għall-prodotti koperti mir-Regolament (UE) 2023/1670 mill-bidu tal-applikazzjoni tar-Regolament 2024/1781. Għalhekk, l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2023/1670 sar superfluu u jenħtieġ li jitħassar.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/1670 jiġi kkoreġut u emendat kif xieraq.
- (7) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-20 ta' Ġunju 2025 sabiex jipprovdi ċertezza legali fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-ekodisinn skont ir-Regolament (UE) 2023/1670.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2009/125/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2023/1670 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 1(2) jiżdied il-punt li ġej:  
“(c) smartphones, telefowns ċellulari oħra, telefowns bla fili u slate tablets maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment esplużivi u koperti mid-Direttiva 2014/34/UE.”
- (2) L-Artikolu 6 jitħassar.
- (3) Fl-Artikolu 9, l-aħħar paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:  
“tagħmir ieħor għall-fini tar-reġistrazzjoni jew tar-riproduzzjoni tal-ħsejjes jew tal-immaġnijiet, fosthom sinjali jew teknoloġji oħra għad-distribuzzjoni tal-ħsejjes u tal-immaġnijiet għajr bit-telekomunikazzjoni, iżda għajr l-iskrins elettroniċi koperti mir-Regolament (UE) 2019/2021, it-telefowns bla fili koperti mir-Regolament (UE) 2023/1670, u l-projetturi b'mekkaniżmi għall-iskambju tal-lentijiet b'oħrajn b'tul fokali differenti.”.

### *Artikolu 2*

L-Annessi II u IV tar-Regolament (UE) 2023/1670 huma kkoreġuti f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħi f'Il-Ġurnal Uffiċċali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-20 ta' Ġunju 2025.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*